A.L. 40 ta' l-1983

ATT TA' L-1975 DWAR IL-KORPORAZZJONI TELEMALTA (ATT NRU. XVI TA' L-1975)

Regolamenti ta' l-1983 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Tariffi għal Servizz Telegrafiku u bit-Telex

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37 ta' l-Att ta' l-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta, il-Bord, bl-approvazzjoni tal-Ministru ta' l-Investimenti Parastatali u tal-Poplu għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

A.L. 67 ta' l-1977

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1983 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Tariffi għal Servizz Telegrafiku u bit-Telex u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1977 dwar Tariffi għal Servizz Telegrafiku u bit-Telex, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fit-8 ta' Awissu, 1983.

Jemenda t-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. It-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata billi tiżdied it-Taqsima ġdida li ġejja minnufih wara t-Taqsima III tagħha:

" TAQSIMA IV

Servizz dwar Messaġġi Riċevuti bit-Telex

Kull abbonat f'dan is-servizz iħallas dritt ta' Lm10 kull sena.

Dritt addizzjonali ta' 75 ċenteżmu jinġabar għal kull messaġġ riċevut bit-telex u jitħallas mill-abbonat lokali qabel ma jiġbor il-messaġġ mill-Uffiċċji tat-Telemalta.".